# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 3 ta' Ottubru, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Joshua-Joe Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joshua- Joe Micallef detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 29691 (M).

U akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-2 ta' Ottubru, 2016, f'25, The Pintail, Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar u/jew f'bandi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Chareace Micallef ID. 63893 (M) biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra il-propjeta taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha; Art 251B (a) Kap 9; fejn l-imsemmi delitt twettaq bl-uzu jew it-theddid tal-uzu ta' arma. Art 251H (g) Kap 9.

2. Hebb ghal martu Chareace Micallef ID. 63893 (M) kkagunalha offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikata minn Dr. Alec Anthony Mifsud M.D. Reg No 3421 tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Art. 221 (a) tal-Kap

3. Insulenta, hedded, jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil martu Chareace Micallef ID. 63893 (M). Art. 339 (a) (e) tal-Kap 9.

4. Hebb ghal Chareace Micallef ID. 63893 (M) sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmillha l-hsara b'xi mod. Art. 339 (1) (d) tal-Kap 9.

5. Irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittiv u ma' jistghux jigu mhassra, inaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija minhabba l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-vittmi skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra skond it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Gha dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 214, 221, 251B, 251H(g) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 qed tikkonfiska l-arma esebieta Dok RS8.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**